MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 806/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Melita Cable plc u l-istess Melita Cable plc**

**Vs**

**Robert Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta April 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u sebgha u erbghin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm547.28) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura DAS 275 fil-31 ta Jannar 2003 gewwa l-Mgarr habat mal-vettura numru TFD 376 proprjeta tal-Melita Cable plc u kkaguna danni fl-istess, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk extragudizzjarji u ta ittri ufficcjali prezentati fid-29 ta Dicembru 2003 u kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-3 ta Mejju 2004 fejn gie sostnut li t-tort ghall-incident in kwistjoni ghandu jnqasam ugwalment bejn il-partijiet u f’kaz ta esitu f’dan is-sens, l-istess konvenut ma ghandu jbaghti ebda spejjes gudizzjarji.

Ra l-provi prodotti mill-partijiet u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat.

Illi l-kaz in ezami si tratta ta incident stradali li sehh fit-telgha ta San Martin ftit ‘il fuq mil-Kappella. It-trieq in kwistjoni f’dik il-parti hija dritta ghalkemm pjuttost imserpa. Il-vetturi involuti kienu mixjin fid-direzzjoni opposta wiehed tielgha u l-iehor niezel – wiehed bil-bright u l-iehor bid-dim pero wara teptep il-bright meta ra l-vettura tal-konvenut. Skond ir-rapport tal-pulizija mhejji minn PS 1096 Cuschieri, filwaqt li l-konvenut qallu li nnota bl-attur u pprova jiehu evasive action billi ghafas il-brakes, is-sewwieq tas-socjeta attrici ighid semplicement li l-konvenut baqa diehel go fih nonostante li petpitlu l-bights. Il-hsarat graw fuq il-gnub rispettivi tal-vetturi – cioe l-impatt sehh gemb ma gemb mhux frontali. Mill-iskizz pero jigi notat li (1) il-konvenut halla brake marks ta sitt metri u (2) it-trieq kienet wiesgha 4.2 metri – il-vettura tal-konvenut kienet maqlugha ‘il barra bejn quddiem u wara distanza ta 1.7 metri – l-wisgha tal-vettura tieghu kienet bejn wiehed u iehor ta metru – u halla spazju ta anqas minn 1.7 metri fuq il-karreggjata tal-attur minn fejn seta jghaddi tant li l-vettura tas-socjeta attrici spiccat fl-ghalqa.

L-incident sehh fil-ghaxija u kwindi fid-dlam – gewwa triq li ma tantx hi mdawla jekk xejn - u kienet ukoll niezla x-xita, cirkostanzi li jitfghu piz fuq is-sewwieqa biex ikunu aktar attenti fis-sewqan taghhom sabiex jassiguraw li jkunu dejjem fil-kontroll tal-vettura taghhom.

Ray Scicluna li kien qed isuq il-vettura tas-socjeta attrici fit-telgha jispjega li huwa lemah il-konvenut niezel bi speed eccessiv u ghalhekk teptiplu d-dawl biex jigi notat. Meta ra li xorta wahda kien baqa gej ghal fuqu, huwa genneb kemm seta tant li spicca fl-ghalqa pero l-impatt xorta wahda sehh fuq il-gemb tal-vettura tieghu. Ta min jinnota wkoll li fejn sehh l-incident kien hemm kisra u ghalhekk bejn dan il-fattur, bejn li kienet niezla x-xita, u bejn li kien id-dlam, il-konvenut ma hax il-kisra sew u baqa diehel fil-vettura l-ohra. Fil-fatt din il-kisra tidher fir-ritratti esebiti a fol 41 u 42 tal-process ghalkemm mhux daqstant indikat fl-iskizz. Difatti ix-xhud Scicluna gustament ma jaqbilx ma l-iskizz proprju minnhabba l-fatt kif gabha tidher il-konfigurazzjoni tat-trieq.

Il-konvenut ighid li lemah il-bright ta l-attur madwar tul ta l-Awla numru 4 ghal tliet darbiet, cioe distanza pjuttost sostanzjali. Huwa jghid li ghafas il-brake biex inaqqas il-velocita tieghu (nonostante li ftit qabel qal li kien miexi bil-mod) pero f’temp ta ftit hin innota lill-attur vicin tieghu sew u li ma kienux ser ighaddu minn ma gemb xhin peress li t-trieq kenet dejqa u l-vettura l-ohra kienet qed tinstaq f’nofs tat-trieq. Jissokta jghid li ma jaqbilx ma kif is-surgent kien nizzel il-verzjoni tieghu fuq ir-rapport.

Illi t-Tribunal jemmen li miz-zewg verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa, dik spjegata mis-sewwieq Scicluna hija ferm aktar kredibbli u verosimili partikolarment meta tqis il-fatt li tali verzjoni tieghu tinsab korroborata in parti mill-iskizz u xhieda tas-surgent. Huwa sab il-vettura tas-socjeta attrici barra mit-trieq – il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut tinsab indikata sewwa sew f’nofs it-trieq tant li ma halliex bizzejjed spazju fil-karreggjata tal-attur mnejn ighaddi – Il-qisien indikati fuq l-iskizz ftit ihalli ghall-immaginazzjoni dwar il-ghala sehh l-incident.  Il-konvenut ighid li kien miexi bil-mod fin-niezla pero xorta wahda ghafas il-brakes – xorta wahda halla brake marks – u xorta wahda ma rnexxilux iwaqqaf il-vettura tieghu – fi kliem iehor xorta wahda tilef il-kontroll tal-vettura tieghu.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq espressi t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut jilqa t-talba tal-atturi, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma rikjesta ta hames mija u sebgha u erbghin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm547.28) bl-imghax legali dekorribbli mid-29 ta Dicembru 2003 u bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------